MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2011

Avviz Numru. 280/2006

**Italian Image Company Limited**

**vs**

**Tourist Services Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fuq indikat datat l-20 ta’ Settembru, tas-sena 2006 li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sejhet lis-socjeta` ntimata quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m’ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas is-somma ta’ tlett elef disa’ mija u erbatax –il Lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu, (LM3,914.51), oltre l-imghax legali rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovut ghall-prezz ta’ merkanzija u materjali forniti lill-kumpanija intimata, kif ukoll ta’ xoghol

ta’ tqeghid u ta’ stallazzjoni ta’ l-istess merkanzija u materjal maghmula mill-kumpanija rikorrenti fuq struzzjonijiet tas-socjeta` ntimata fl-istabbilimenti *St. George’s Park u Penthurst Apartments* gewwa San Giljan;

2. Bl-ispejjez kontra l-kumpanija ntimata, nkluz ta’ l-ittra ufficcjali tat-2 ta’ Gunju, tas-sena 2006 u tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju prezentati kontestwalment ma’ dan ir-rikors, u bl-ingunzjoni tal-istess socjeta` ntimata in subizzjoni;

Rat in-nota responsiva tas-socjeta` ntimata datata l-11 ta’ Ottubru tas-sena 2006 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

1. Illi preliminarjament l-azzjoni hija perenta ai termini tal-artikolu 2048 (a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, is-somma mitluba ma hijiex dovuta ghaliex is-socjeta` rikorrenti naqset tlesti x-xoghol qabel l-istagun turistiku li jibda f’Mejju/Gunju tas-sena 2004 sabiex ma jkunx hemm inkonvenjent ghat-turisti u sahansitra naqset tirrimedja d-difetti fix-xoghol ammessi minnha liema xoghlijiet rimedjali kellhom fic-cirkostanzi jigu kompletati mill-impjegati tal-eccipjenti, Prospett ta’ korrispondenza hawn annessa bhala Dokument TSL1;

3. Illi ghal dawn ir-ragunijiet it-talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

Rat ir-rikors tas-socjeta` ntimata datat it-23 ta’ Novembru, tas-sena 2006 li permezz tieghu talbet korrezzjoni fis-sens li l-artikolu minnha citat fl-ewwel eccezzjoni taghha jigi korrett billi jigi sostitwit minn dak minnha ndikat fl-istess rikors;

Rat id-digriet taghha datat is-27 ta’ Novembru tas-sena 2006, fejn permezz tal-istess laqghet it-talba;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Rat in-noti rispettivi tal-partijiet;

Rat is-sentenza taghha tas-6 ta’ Gunju tas-sena 2007 li permezz taghha rrespingiet l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta’ ntimata u ordnat il-prosegwiment tal-kawza;

Rat ir-rikors tas-socjeta’ ntimata datat il-11 ta’ Gunju tas-sena 2007;

Rat id-digriet taghha datat it-18 ta’ Gunju tas-sena 2007 fejn awtorizzat lill-istess socjeta’ ntimata tipprocedi kif jidhrilha opportun;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell datata l-20 ta’ Frar tas-sena 2008, li permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti ordnat li l-atti jigu trasmessi lura lil din il-qorti;

Rat il-verbal tar-rapprezentant legali tas-socjeta` ntimata datat it-30 ta’ April tas-sena 2008, li permezz tieghu irtira r-rikors tieghu tal-11 ta’ Gunju tas-sena 2007;

Semghet ix-xhieda ulterjuri prodotta;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta` rikorrenti datata l-10 ta’ Dicembru, tas-sena 2010;

Ikkunsidrat:

Illi fil-meritu, il-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-procedura odjerna tirrigwarda l-bilanc dovut lis-socjeta` rikorrenti ghall-merkanzija u materjal iehor minnha fornut lis-socjeta` intimata u ghall-

istallazzjoni tal-istess mis-socjeta` rikorrenti fl-istabbilimenti proprjeta` tas-socjeta` ntimata u fuq struzzjonijiet ta’ din tal-ahhar;

2. Illi tenut kont li r-rapprezentant tas-socjeta` ntimata sostna li s-socjeta` li qieghed jirrapprezenta m’ghandha taghti xejn lis-socjeta` rikorrenti, ir-risposti tas-socjeta` ntimata ghat-talbiet indikati fil-paragrafu precedenti jistghu jigu sintetikament riassunti bil-mod segwenti:

i. Illi x-xoghol dovut mis-socjeta` rikorrenti ma sarx fiz-zmien indikat mill-istess socjeta` ntimata fil-paragrafu numru 2 tar-risposta taghha;

ii. Illi d-difetti allegatament riskontrati ma gewx rimedjati mis-socjeta` rikorrenti u kellhom minflok, jigu rimedjati mill-impjegati tas-socjeta` intimata;

Ikkunsidrat:

1. Illi s-socjeta` rikorrenti pprezentat rendikont datat l-20 ta’ Mejju tas-sena 2005 tal-ammont lilha dovut mis-socjeta` intimata, (ara fol 16 u 17);

2. Illi dan rega’ gie ripetut fis-27 ta’ Gunju tas-sena 2005, flimkien mad-dokumenti a fol 32 u 33 li huma pertinenti ghall-procedura odjerna;

3. Illi effettivament il-merkanzija nvoluta kienet konsenjata u stallata kif dovut, u s-socjeta` intimata utilizzat l-istess skont l-uzu relattiv;

4. Illi gie allegat minn rapprezentant tas-socjeta` intimata li x-xoghlijiet ezegwiti fil-faccata tal-fond in dizamina mis-socjeta` rikorrenti, kien sar hazin, (ara fol 133); izda rigward dak li ghandu x’jaqsam mal-konsenja u tqeghid ta’ madum ma kien hemm l-ebda ilment, (ara fol 134);

Ikkunsidrat:

Illi dak li jirrizulta assodat tangibbilment fl-atti ta' din il-procedura jista' jigi sintetikament elenkat bil-mod segwenti:

1. Illi s-socjeta` rikorrenti effettwat il-konsenji pattwiti mas-socjeta` intimata;

2. Illi jirrizulta li rigward il-materjal fornit mis-socjeta` rikorrenti lis-socjeta` intimata, din tal-ahhar ma kellha xejn x'tilmenta dwaru, (ara fol 134);

3. Illi ghalhekk jibqa' li jigi investit l-ilment tas-socjeta` intimata rigwardanti l-allegat xoghol skadenti fil-faccata tal-fond in dizamina – u dan, skont l-allegazzjoni tas-socjeta` intimata stess;

4. Illi pero` jirrizulta li l-istess socjeta` intimata li allegat tali xoghol skadenti naqset li ggib il-provi rikjesti in sostenn tal-allegazzjoni taghha;

5. Illi ghaldaqstant, din il-qorti m'ghandhiex alternattiva hlief li tiskarta tali allegazzjonijiet stante li m'humiex suffragati skont il-ligi;

Ghaldaqstant, din il-qorti filwaqt li tirrespingi r-risposti fil-meritu tas-socjeta` intimata fuq indikati, takkolji t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti u konsegwentement:

1. Tikkundanna lis-socjeta` intimata Tourist Services Limited (C – 3980) biex thallas is-somma ta' tlett elef disa' mija u erbatax –il Lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu, (LM3,914.51), ekwivalenti ghal disat elef, mija u tmintax –il Ewro u sitta u tletin centezmu, (€9,118.36), lis-socjeta` rikorrenti Italian Image Company Limited (C – 23932), kif mitlub fir-rikors promotur;

2. Bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` intimata fuq indikata, inkluz l-ittra ufficcjali tat-2 ta' Gunju tas-sena 2006 u l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju hemm ukoll riferit.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------